29 ta' Ottubru, 1949.

Imħallef :

*L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.*

Edgar G. Soler ne. et. *versus* H.H. Sir David Campbell ne.

**Soċjetà — Rappreżentanza Gudizzjarja — Illeġittimità tal-Persuna — Obligazzjoni — Nullità — Skrittura Privata — Awtentikazzjoni — Viżi tal-Kunsens — Vjolenza — Art. 634 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta soċjetà jkollha regolamenti li jiddesinjaw persuna biex tirrappreżenta lil dik is-soċjetà fil-proċedimenti tal-Qorti fejn dik is-soċjetà jkollha parti, dik il-persuna hija persuna leġittima biex tirrappreżenta lil dik is-soċjetà fil-kawża.*

*Jekk skrittura privata ma tiġix iffirmata minn idejn kull wieħed mill-partijiet, u tkun fiha sinjal ta' min ma jiffirmahiex, għandha ssir l-awtentikazzjoni minn avukat jew nutar, jew kappillan, li għanda jiddikjara li s-sinjal ġie magħmul quddiemu u quddiem żewġ xhieda li ffirmaw l-istess skrittura, u li huwa nnifsu żgura ruħu*

*mill-identità tal-persuni li għandu s-sinjal flok il-firma. Diversament, dik l-iskrittura tkun nulla.*

*Imma meta l-obbligazzjoni tkun valida minn dawk li tista' anki jekk tkun saret verbalment biss, u li għaliha mhix meħtieġa l-kitba, u intant dik l-iskrittura ssir bla bżonn, l-obbligazzjoni sseħħ avvolja l-iskrittura ma tkunx valida. Din l-iskrittura, li mhix valida, mhux biss ma tinvalidax l-obbligazzjoni, anzi tiswa biex tikkontribwixxi għall-prova ta' l-obbligazzjoni. Dan jingħad però għall-każ fejn il-partijiet ma jkunux ftehmu li l-kunsens tagħhom għandu jirriżulta bil-miktub.*

*Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal għan-nullità tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jiġi ottenut dak il-kunsens, u mhux biex jiġi ottenut skop divers; u trid ukoll tkun l-opera tal-persuna li eżerċitatha biex tottjeni dak il-kunsens.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi huma kollha, barra minn Edgar G. Soler, li jidher bħala manager tas-soċjetà msejħa "Kumpannija Maltija tal-Ħalib" li ġiet kostitwita wara, iffirmaw jew ikkroċesenjaw obligazzjoni, imsejħa "agreement", fl-aħħar granet ta' April; bis-saħħa ta' liema skrittura huma obligaw ruħhom li jikkunsinnaw lill-konvenut Crockford nomine kwantità determinata ta' galluni ta' ħalib bil-prezz hemm stess iffissat ammontanti għal 3s. 6d. il-gallun, u dan għal xahrejn żmien mill-ewwel ta' Mejju 1947; u illi dana l-"agreement" ġie firmat jew kroċesenjat minnhom għas-sempliċi raġuni li huma nstabu fin-neċessità illi, jew jaċċettaw il-prezz u l-kondizzjonijiet imniżżla fl-iskrittura u imposti mill-Awtorità, jew inkella jarmu l-ħalib billi ma setgħux ibiegħuh lill-privati minħabba l-fatt illi jinsabu f'area projbita, ċioè f'waħda minn dawk l-arei fejn huwa projbit li jinbiegħ il-ħalib mhux pasturizzat, u dana bis-saħħa ta' liġi sanitarja; infatti l-maġġor parti ta' l-atturi aċċettaw il-kondizzjonijiet imposti fl-aħħar granet, meta raw li ma kienx hemm tama illi l-Awtorità ikun sejra ċċedi; u illi l-prezz impost huwa tant baxx illi anqas ma jkopri l-ispejjeż tal-manteniment tal-bhejjem, kif ikun pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; u illi l-"agreement" jikkontjeni obligi, kondizzjonijiet u pieni drastiċi u gravi, li

jiddependu biss mill-volontà ta' waħda mill-partijiet, ċjoè mill-konvenut Crockford nomine li jirrappreżenta l-Gvern, li poġġa kollox taħt l-assoluta diskrezzjoni ("absolute discretion") tiegħu; u illi l-awtentikazzjoni tal-marki tal-kotra tagħhom, li ma jafux jiffirmaw, ma ġietx magħmula skond il-liġi (art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili u 634 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); u illi lil kotra tagħhom ma ġiex moqri u spjegat kif hemm fid-dikjarazzjoni fl-istess skrittura privata il-kontenut ta' l-"agreement"; u illi huma ipprotestaw ħafna drabi kontra l-prezz impost, għar-raġuni fuq imsemmija, anki bi protest ġudizzjarju tad-19 ta' Mejju 1947 (dok. A), fejn talbu r-riżarċiment tad-danni li ħirma qegħdin isofru u stiednu l-konvenuti nomine biex jiġu għal-likwidazzjoni tad-danni u għall-formazzjoni ta' "agreement" ieħor li jkun veramment magħmul bil-kuntentizza u bil-kunsens taż-żewġ partijiet, iżda inutilment, kif jirriżulta mill-kontro-protest preżentat fid-29 ta' Mejju 1947 (dok. B); u illi huma sofrew ħafna danni; talbu (1) li jiġi dikjarat minn dina l-Qorti illi huma ma tawx il-kunsens liberament kif huwa rikjest mil-liġi, iżda ġie impost lilhom; (2) illi l-awtentikazzjonijiet tal-firmi u tal-marki mhumiex legali, għaliex ma sarux skond il-liġi, u konsegwentement mhumiex validi; (3) illi l-obligazzjoni kontrattata minnhom ma hix valida, minħabba difett fil-kunsens u nullità ta' l-awtentikazzjonijiet, u konsegwentement tiġi rexissa u annullata; (4) u l-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lilhom id-danni, li jiġu likwidati f'dina jew f'kawża oħra. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju tad-19 ta' Mejju 1947, u l-imgħax legali;

*Omissis:*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti illi l-attur Edgar Soler ma għandux x'jaqsam fil-kawża, u għalhekk għandu jiġi mpoġġi barra minnha;

Illi l-kuntratti tal-ħalib in kwistjoni ma sarux ma' dana l-attur, u lanqas mal-kumpannija li huwa jirrappreżenta, imma ma' l-atturi l-oħra—ma' xi wħud qabel ma ngħaqdu f'dik is-soċjetà, li saret fit granet wara, u ma' oħrajn wara li saret is-soċjetà. Skond l-art. 9 u 23 tar-regolamenti tas-soċjetà, il-manager, li huwa l-attur, jirrappreżenta s-soċjetà fil-proċedi-

menti kollha tal-Qorti, f'kull kuntratt li sar jew għad isir, u kwindi l-attur Edgar Soler fil-kwalità tiegħu premessa għandu nteress fil-kawża;

Tikkunsidra, fuq il-motiv allegat mill-atturi fl-att taċ-ċitazzjoni, tan-nullità ta' l-obligazzjoni assunta minnhom minħabba d-difett ta' l-awtentikazzjoni tal-firmi jew tal-marki tagħhom fuq l-"agreement":

Illi l-ewwelnett ebda wieħed mill-kuntratti fuq indikati ma huwa kroċesenjat mill-vendituri tal-ħalib. X'uħud minnhom huma firmati mill-istess vendituri, u oħrajn huma firmati minn mandatarju tagħhom;

Illi barra minn dan, fl-art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili huma provvdut illi ċerti obligazzjonijiet għandhom jirriżultaw minn att publiku jew almenu skrittura privata. Dawn il-kuntratti huma :— (a) Ftehim li jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobili jew ta' jedd ieħor fuq dawk il-beni; (b) il-wegħdiet ta' self; (c) il-pleġġerija; (d) it-transazzjonijiet; (e) il-kiri ta' immobili għal żmien ta' iżjed minn sentejn, għal dak li hu bini, u minn erba' snin għal dak li hu raba'; (f) is-soċjetajiet ċivili; (g) għall-finijiet tal-liġi dwar il-wegħdiet taż-żwieġ (Kap. 7), kull wegħda, kuntratt, jew ftehim ieħor hemm inseminija;

Fil-każ ta' kitba privata, dik il-kitba, jekk ma tkunx iffirmata minn idejn kull waħda mill-partijiet, għandha tiġi awtentikata bħal ma jingħad fl-art. 634 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jiġifieri s-sinjal għandu jiġi awtentikat minn avukat jew nutar, jew anki minn kappillan; u ċjoè l-avukat, jew in-nutar, jew kappillan, għandu jiddikjara li s-sinjal ġie magħmul quddiemu u quddiem xewġ xhieda iffirmati fl-istess skrittura, u li huwa innifsu żgura ruħu mill-identità tal-persuni li għamlu s-sinjal flok il-firma;

Illi l-obligazzjoni assunta mill-atturi, li jfornixxu ħalib lill-"Milk Marketing Department", mhix waħda minn dawk fuq indikati li għall-validità tagħhom huwa rikjest jew l-att publiku jew l-iskrittura privata. Dik l-obligazzjoni hi'a valida anki meta tiġi verbalment stipulata; u meta ma hemmx bżonn l-iskrittura, imma din issir, il-fatt illi l-iskrittura ma tiġix awtentikata fil-każijiet u fil-mod fuq indikati ma jirrendix nulla l-obligazzjoni. L-iskrittura privata mhix awtentikata, meta xi

parti ma tiffirmax, ma tiswiex, imma ma tiswiex biex tagħti validità lill-obligazzjoni li għall-validità tagħha skond il-liġi hija rikjesta l-iskrittura, imma mhux ukoll *fis-sens li tirrendi* ineżistenti l-obligazzjoni jekk dina tista' tiġi kontrattata verbalment. U jekk l-obligazzjoni teżisti, *għaliex* kontrattata verbalment, u tista *tiġi* verbalment kontrattata, u *mbagħad* il-partijiet *igħaddu, mingħajr* bżonn, għall-iskrittura privata, u dina tkun difettuża għaliex ma tkunx ġiet awtentikata, dik l-*iskrittura* tiswa biex tikkontribwixxi għall-prova ta' l-obligazzjoni. Fil-każ preżenti lanqas ma hemm bżonn ta' dik l-iskrittura bħala kontribuzzjoni għall-prova ta' l-akkordju bejn l-atturi u l-"Milk Marketing Department" għall-*fornitura* tal-ħalib fil-perijodu msemmi fl-istess skrittura, għaliex dana l-akkordju jirriżulta soddisfaċentement *pruvat* mill-*provi* testimonjali *rakkolti f'din il-kawża. Għandu jiġi f'dan il-lok rilevat illi* huwa *veru illi meta l-partijiet*, b'intiża qabel il-kuntratt, ikunu espressament stabbilew illi l-kunsens tagħhom għandu jiġi *manifestat* f'forma determinata, dik il-forma għandha tiġi ritenuta essenzjali għall-eżistenza ta' dak il-kuntratt; iżda fil-każ preżenti ma hemm l-ebda prova ta' ftehim preventiv bejn l-atturi u l-"Milk Marketing Department" illi l-kunsens tagħhom ma jkunx jgħodd jekk ma jkunx jirriżulta almenu minn skrittura privata. Il-fatt li l-imsemmi *Dipartiment* ried li ssir l-*iskrittura*, *kif jirriżulta mix-xhieda ta'* Edgar Soler (fol. 116) *ma jimplikax neċessarjament* dak il-ftehim preventiv;

Tikkunsidra fuq il-motiv l-ieħor tan-nullità ta' l-obligazzjoni ta' l-atturi bażata fuq id-difett tal-kunsens minħabba l-vjolenza;

Illi l-atturi jirravviżaw il-vjolenza fil-fatt illi meta huma kkuntrattaw mal-"Milk Marketing Department" għall-*fornitura* tal-ħalib kien hemm liġi li tipprojbixxi l-bejgħ tal-ħalib tal-mogħża fil-post, ossija *fil-villaġġ*, *fejn* kellhom il-mogħoż tagħhom, u *minħabba dik il-liġi kienu jiġu proċessati* anki *jekk joħorġu* l-mogħoż barra fit-triq, u għalhekk huma kienu kostretti jagħmlu dak il-kuntratt, illi kieku ma kienux jagħmlu minħabba l-viltà tal-prezz; għaliex kieku ma għamlux dak il-kuntratt kienu jsibu ruħhom f'ċirkustanzi tali li jarmu l-ħalib, peress illi ma setgħux ibigħuh la fir-raħal tagħhom u lanqas f'postijiet oħra fejn ma kienx hemm dik il-projbizzjoni,

billi, kif jallegaw, kienu jiġu proċessati anki jekk joħorġu l-mogħoż fit-triqat ta' l-irħula tagħhom;

Illi skond il-liġi, il-vjolenza hija kawża ta' nullità tal-kuntratt għaliex tostakola l-libertà tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minaċċi eżerċitati kontra persuna biex jiġi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx tagħti. Hu però neċessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt; jiġifieri, biex kuntratt ikun suxxettibili li jiġi annullat minħabba l-vjolenza, jeħtieġ li l-kunsens ta' waħda mill-partijiet ikun ġie estort bi vjolenza; li kieku jeħor, li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza eżerċitata li tottjeni dak il-kunsens, u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' vjolenza eżerċitata biex jiġi raġġunt skop divers. Mhux biżżejjed li l-kunsens jiġi mogħti u l-kuntratt ikun sar taħt pressjoni ta' forza insormontabili għal dak li jkun ta l-kunsens; għaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u inkoxjenti, u għalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista ġuridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li teżerċitaha biex tottjeni l-kunsens. Issa, fil-każ in eżami, il-bejgħ tat-tell tal-ħalib ġie kaġunat mill-fatt tal-projbizzjoni tal-bejgħ tal-ħalib fil-postijiet fuq indikati, u mhux mill-"Milk Marketing Department" li miegħu l-atturi għamlu l-kuntratt u li ma kellux x'jaqsam ma' dik il-projbizzjoni; u kwindi, fil-każ in ispeċje, lanqas ma jista' jingħad li kien hemm vjolenza fis-sens legali tal-kelma, għaliex il-vjolenza trid l-opera ta' persuna li teżerċitaha. Kien ikun hemm vjolenza kieku l-każ kien divers; kieku, per eżempju, il-"Milk Marketing Department" jew xi awtorità oħra ommminaċċjat il-ħruġ tal-liġi fuq indikata jekk il-bejjiegħa tal-ħalib ma jikkuntrattawx mad-Dipartiment għall-fornitura tal-ħalib bil-prezzijiet fuq indikati, u wkoll kieku dik il-minaċċja kienet magħmula b'mod tali—mhux vaga u futura—per eżempju, li minnha wieħed mhux immimment jista' jibża'; għaliex f'dana l-każ lanqas ma kien hemm vjolenza, għalkemm il-kuntratt kien ikun nieqes mill-"buona fede";

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni li l-attur Edgar Soler ma għandux x'jaqsam fil-kawża u li għalhekk għandu jiġi mpoġġi barra minnha, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Ma tieħux konjizzjoni tat-talbiet in kwantu l-istess ġew

magħmulin minn Rosario Ellul, Rosario Abela, Paolo Sciclu-na, Giuseppe Scicluna, u Lorenzo Grech;

Tiċħad it-talbiet ta' l-atturi l-oħra, bl-ispejjeż kontra tagħhom.